MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 29/2009

**Frank Borda Limited (C446)**

**vs**

**Mario Cassar (I.D. 711054M) u**
**Rita Cassar (I.D. 415160M) '*in solidum'***

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef, erba' mija u sitta u hamsin Euro u disgha u sebghin centezmi (€3,456.79) rapprezentanti *'import'* ta' erbatax-il (14) kambjala skaduti u mhux imhallsa, dokumenti annessi mat-talba.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, inkluzi l-ispejjez tal-Mandat ta' Qbid 145/09LM kawtelatorju kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-PL Victor Bugeja ta ruhu bhala notifikat bl-atti ta’ din il-kawza ghal konvenuti fejn iddikjara illi l-konvenuti kienu bi hsiebhom jikkontestaw din it-talba.

Ra illi fis-seduta tal-20 ta’ April, 2009 il-konvenut, assistit mill-PL Bugeja, ipprezenta Nota ta’ Ammissjoni fejn biha l-konvenut ammetta t-talba attrici.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti ‘*in solidum*’ ihallsu s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u sitta u hamsin Euro u disgha u sebghin centezmi (€3,456.79) bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------